MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2014

Numru. 918/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Abdi Ahmed Ali**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta tal-Hamis 25 ta' Settembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Abdi Ahmed Ali ta' 32 sena, iben Ahmed u Muumina, imwieled gewwa Mogadishu gewwa s-Somalia nhar il-1 ta' Jannar 1982, bla indirizz fiss u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 46791A talli nhar l-24 ta' Settembru 2014 ghal habta ta' 0240hrs gewwa tas-Sliema:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-hin u kif ukoll bil-valur u dan bi ksur ta' l-artikolu 41(a), 261(c)(f), 267, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntlabet sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk din hija sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghha qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u li l-fedina penali tieghu hija wahda netta.

Ma jirrizultax li f'dan il-kaz kien hemm involuti hatra ta' esperti u lanqas ma gew ezebiti xi oggetti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(c)(f), 267, 270, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------